



IL-QORTI  
EWROPEA  
TAL-AWDITURI

MT

## Diskors

Brussell, l-10 ta' Novembru 2015

# Diskors minn Vítor Caldeira, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2014  
tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri  
lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT)  
tal-Parlament Ewropew

Brussell, l-10 ta' Novembru 2015

Id-diskors proprju jitqies bħala awtentiku.  
Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal għall-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditorsECA Youtube: EUAuditorsECA

T: (+352) 4398 47063

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Sinjura President,

Onorevoli Membri tal-Parlament Ewropew,

Nixtieq nirringrazzjakom għal din l-opportunità biex nippreżenta r-rapporti annwali tal-Qorti dwar il-ġestjoni finanzjarja tal-UE fl-2014.

Din is-sena, qed nippreżentawhom fi żmien li huwa partikolarment diffiċli għall-Ewropa.

L-UE u l-Istati Membri qed jiffaċċjaw sfidi kbar u fit-tul li jeħtieġu azzjoni urġenti:

- il-ġenerazzjoni ta' impjiegi u t-tkabbir ekonomiku;
- l-issodisfar tal-ħtiġijiet tal-enerġija filwaqt li jintlaħqu l-miri klimatiċi; u
- l-immaniġġjar tal-pressjonijiet tal-asil, il-migrazzjoni u s-sigurtà.

Jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri jistinkaw biex jagħmlu aktar b'dak li huwa diġà stabbilit. Huma mhux biss iridu jsibu l-flus issa biex jindirizzaw dawn l-isfidi, iżda jridu jiżguraw ukoll li l-flus jiġu investiti tajjeb.

Is-sors prinċipali ta' fondi fil-livell tal-UE huwa l-baġit tal-UE, li aħna nawditjaw kull sena.

Meta jitqiesu flimkien, ir-riżultati tal-awditjar tagħna matul dawn l-aħħar snin jindikaw il-ħtieġa għal approċċ kompletament ġdid, jekk irridu li l-baġit tal-UE jiġi investit aħjar u b'mod aktar rapidu biex jilqa' l-isfidi li l-Ewropa issa qed tiffaċċja.

Aħna nappellaw għal dan l-"approċċ kompletament ġdid" minħabba li tinħtieġ bidla sostantiva minn dawk kollha li huma responsabbli għall-mod ta' kif il-fondi tal-UE jiġu mmaniġġjati.

- jeħtieġ li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet jallinjaw l-allokkazzjoni tal-baġit aħjar mal-prijoritajiet strateġiċi u fit-tul tal-UE u jagħmluh aktar kapaċi li jirrispondi fi kriżi;
- jeħtieġ li l-leġiżlaturi jiżguraw li l-iskemi ta' nfiq ikunu ċari dwar ir-riżultati li jridu jinkisbu u dwar ir-riskji li huwa aċċettabbli li l-manigġers finanzjarji jieħdu; u
- jeħtieġ li l-manigġers finanzjarji jiżguraw li l-flus li jintnefqu jikkonformaw mar-regoli u jkissbu r-riżultati intenzjonati.

Iżda dan kollu se jieħu ż-żmien:

- l-UE tinsab nofs triq fl-istrateġija Ewropa 2020;
- l-iskemi ta' nfiq għall-perjodu 2014 sa 2020 qed iseħħu bħalissa; u
- il-kultura tal-ġestjoni finanzjarja tal-UE żviluppat matul ħafna snin.

Huwa għalhekk li huwa daqshekk importanti li nagħmlu dak li nistgħu nagħmlu issa.

L-analiżi li jmiss ta' nofs it-terminu, tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, tipprovdi opportunità biex jerġgħu jitqiesu l-prijoritajiet ta' nfiq u t-tfassil ta' xi skemi.

Jista' jsir ukoll użu aħjar mill-għodod għall-ġestjoni finanzjarja li huma diġà stabbiliti, kif juri r-rapport tagħna.

Onorevoli Membri,

Kważi l-infiq kollu tal-UE fl-2014 kien ippjanat matul l-2007-2013, u b'hekk ir-rapport tagħna inevitabbilment jaċċenna għadd ta' kwistjonijiet li ilhom jeżistu.

Iżda huwa importanti li dawn il-problemi jitqiesu fil-kuntest tagħhom. Aħna nemmnu li r-rapport tagħna jipprovdi valutazzjoni ġusta tal-ġestjoni finanzjarja fl-2014 kif ukoll għarfien approfondit importanti dwar kif din tista' tittejjeb fis-snin li ġejjin.

L-ewwel nett, aħna "ċċertifikajna" l-kontijiet tal-UE għas-sena 2014. Il-kontijiet huma affidabbli u aħna ħriġna opinjoni tal-awditjar "nadifa" f'dak ir-rigward. Aħna nikkonkludu wkoll li l-ġbir tad-dħul tal-UE kien ħieles minn żball materjali.

Minkejja dan, hemm **livell persistentement għoli ta' żbalji fil-pagamenti**, li jfisser li għad hemm wisq flus li ma jintnefqux skont ir-regoli finanzjarji tal-UE.

Ir-rata kumplessiva ta' żball stmata għall-pagamenti fl-2014 kienet ta' 4.4 %, u din ilha stabbli għal dawn l-aħħar tliet snin.

Għal darb'oħra, in-nefqa operazzjonali kollha kienet milquta minn livell materjali ta' żball ta' aktar minn 2 %. Hija biss in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet li ma kinitx suġġetta għal livell materjali ta' żball.

Kif intalab mill-Parlament Ewropew, din is-sena aħna nipprovdu aktar għarfien approfondit dwar x'jikkawża r-riskju ta' żball.

Kif innutajna, il-biċċa l-kbira min-nefqa operazzjonali tal-UE hija inerentement riskjuża minħabba li l-kalkolu korrett tal-pagamenti tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq informazzjoni pprovduta mir-riċevituri finali nfushom.

Skont l-iskema jew il-programm ta' nfiq, ir-riċevituri finali tal-fondi tal-UE jistgħu jinkludu bdiewa, riċerkaturi, SMEs, NGOs jew saħansitra gvernijiet.

L-analiżi tagħna ma tissuġġerix li l-livell ta' żball jiddependi fuq it-tip ta' arranġamenti tal-ġestjoni. Ir-rata ta' żball stmata għall-infiq fejn il-Kummissjoni tikkondividi r-responsabbiltà għall-ġestjoni mal-Istati Membri kienet ta' 4.6 %, l-istess bħal dik għan-nefqa operazzjonali l-oħra kollha.

Minflok, l-analiżi tagħna turi li hemm relazzjoni qawwija bejn it-tip ta' skema jew programm u l-livell ta' żball.

Aħna nistmaw li l-livell ta' żball fuq skemi li jirrimborżaw l-ispejjeż huwa ta' 5.5 %. Dan jitqabbel ma' 2.7 % biss għal programmi relatati ma' drittijiet, fejn il-pagament jiddependi fuq l-issodisfar ta' ċerti kundizzjonijiet minn dawk li jagħmlu l-klejm.

Din id-distinzjoni fil-biċċa l-kbira tispjega d-differenzi fil-livell ta' żball stmat għall-infiq taħt l-intestaturi differenti tal-QFP.

Il-livell ta' żball stmat huwa ogħla f'"Kompetittività" u "Koeżjoni", fejn kważi l-infiq kollu jieħu l-forma ta' rimborż tal-ispejjeż, milli f'"Riżorsi naturali" u "Ewropa Globali", fejn proporzjon ogħla tal-infiq huwa bbażat fuq id-drittijiet.

Naturalment, huwa essenzjali li r-riskju jinżamm taħt kontroll. F'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għamlu progress fil-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji.

Fl-2014, miżuri korrettivi naqqsu l-livell ta' żball stmat minna b'1.1 %. Iżda li kieku ntużat l-informazzjoni kollha disponibbli setgħu jiġu kkoreġuti aktar żbalji.

Jeħtiegħ li l-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ tas-setgħat korrettivi tagħha, inklużi dawk introdotti taħt il-QFP attwali, biex tkompli tnaqqas l-iżbalji u biex tirkupra aktar fondi li jintefqu b'mod skorrett, sabiex dawk il-fondi jkunu jistgħu jiġu investiti mill-ġdid.

**Dan iwassalni għall-prestazzjoni tal-baġit tal-UE.**

Huwa ċar li biex l-UE tindirizza l-isfidi urġenti li qed tiffaċċja, jeħtiegħ li tinvesti l-baġit aħjar.

L-analiżi tagħna tar-rabtiet bejn l-istrateġija attwali tal-UE u l-QFP turi li dawn jistgħu jkunu allinjati aħjar, kemm f'termini ta' perjodi kif ukoll ta' prioritajiet.

Aħna naċċennaw ukoll il-fatt li l-Istati Membri ma jikkonkretizzawx il-miri ta' Ewropa 2020 f'objettivi ta' livell operazzjonali fil-ftehimiet ta' sħubija u fil-programmi tagħhom.

Iż-żewġ kwistjonijiet jillimitaw l-abbiltà tal-Kummissjoni li timmonitorja u tirrapporta dwar il-kontribut tal-baġit tal-UE għal Ewropa 2020.

Din hija kwistjoni li għandha tiġi indirizzata minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet.

Sadanittant, il-leġiżlaturi għandhom rwol ewlieni fl-ikkonkretizzar tal-miri politiċi f'objettivi fil-livell tal-UE u f'li jirrikjedu li dawk l-objettivi għandhom jiġu riflessi fil-mod ta' kif il-programmi jiġu mmaniġġjati.

F'oqsma taħt ġestjoni kondiviża, jeħtiegħ li r-riżultati li jridu jinkisbu jiġu ddikjarati b'mod ċar u jiġu kkwantifikati fil-ftehimiet ta' sħubija u fil-programmi. Dan mhuwiex il-każ bħalissa.

Taħt il-leġiżlazzjoni attwali, l-Istati Membri mhumiex meħtieġa jinkludu indikaturi komuni fil-programmi tagħhom, u prestazzjoni fqira f'termini ta' riżultati miksuba ma twassalx biex l-Istati Membri jgħidli r-riżerva ta' prestazzjoni tagħhom.

L-inizjattivi reċenti għat-tisħiħ tal-ibbaġitjar u l-ġestjoni bbażati fuq il-prestazzjoni huma pass pożittiv, għalkemm jifdal ħafna sfidi. Ir-rapporti u l-opinjonijiet tagħna jistgħu jipprovdu assistenza konsiderevoli f'dan ir-rigward.

Onorevoli Membri,

Il-baġit tal-UE jinsab taħt pressjoni kbira. Ilu jopera fi ħdan il-marġni ta' kontinġenza għall-pagamenti minn ftit wara li beda l-QFP l-ġdid - saħansitra qabel ma tnieda l-Pjan Juncker u qabel ma bdiet tinħass il-forza sħiħa tal-kriżi tar-refuġjati.

Jeħtiegħ li l-UE tindirizza għadd ta' **xogħlijiet finanzjarji b'lura** li akkumulaw, sabiex tirrilaxxa fondi biex dawn ikunu jistgħu jintużaw fejn jinħtieġu l-aktar.

Għalkemm l-impenji pendenti naqsu fl-2014, il-projezzjonijiet juru li se jerġgħu jizjeddu fl-2015 u fis-snin sussegwenti.

Xi Stati Membri qed isibuha diffiċli biex jassorbu l-fondi tal-UE li ġew allokati lilhom.

Fil-fatt, f'erba' Stati Membri, it-total li għadu ma ġiex ikklejmjat mill-baġit tal-UE huwa ekwivalenti għal 15 % jew aktar tal-infiq annwali tal-gvernijiet tagħhom.

Il-Kummissjoni għamlet fondi disponibbli għall-Istati Membri, mingħajr ma qieset biżżejjed il-kapaċità tagħhom biex jinvestuhom. Barra minn hekk, xi Stati Membri kellhom diffikultà biex jidentifikaw biżżejjed proġetti u biex isibu l-finanzjament li jeħtieġu jikkontribwixxu.

Dan iqiegħed il-valur għall-flus f'riskju. Meta jkun hemm ftit proġetti disponibbli, ikun hemm inqas inċentiv biex jiġu applikati kriterji tal-għażla rigorużi.

Din is-sena erġajna nnutajna wkoll il-livell għoli ta' fondi mhux użati fl-istrumenti finanzjarji u ż-żieda żgħira fi klejms mhux imħallsa.

Il-Kummissjoni għandha pjan li għandu jtejjeb il-fluss tal-flus fuq terminu qasir. Iżda l-Qorti tqis li jinħtieġu perspettiva aktar fit-tul u tbassir aħjar biex jiġi żgurat li l-baġit tal-UE ma jibqax impenjat b'mod eċċessiv. Dawn huma kwistjonijiet li għandhom jitqiesu mill-manijers finanzjarji.

Onorevoli Membri,

Il-ġestjoni finanzjarja tal-UE tista' tibbenefika ħafna minn aktar trasparenza.

Fil-fehma tagħna, il-pedament għat-trasparenza hija informazzjoni ta' kwalità tajba dwar il-ġestjoni. Din hija tema li tidher kemm-il darba fir-rapport tagħna.

Din is-sena mal-kontijiet, il-Kummissjoni ppreżentat diskussjoni fil-qosor dwar xi temi finanzjarji ewlenin. Aħna nilqgħu dan bħala l-ewwel pass lejn rappurtar aktar integrat dwar il-ġestjoni u l-prestazzjoni għall-partijiet interessati kollha.

Aħna rrakkomandajna l-azzjoni li l-Kummissjoni għandha tiegħu biex ittejjeb it-trasparenza dwar:

- fil-ħtiġijiet tal-flussi tal-flus fuq terminu twil;
- fil-iżbalji fil-pagamenti u fil-korrezzjonijiet li jsiru; u
- fir-riżultati tal-infiq tal-baġit tal-UE.

Huwa daqstant importanti li tiġi żgurata t-trasparenza għall-politiki tal-UE li mhumiex iffinanzjati direttament mill-baġit tal-UE.

Mezzi ġodda ta' finanzjament tal-politiki tal-UE ma għandhomx jostro r-riskji finanzjarji mill-iskrutinju pubbliku u l-awditjar. Dan ikun jindika viżjoni qasira u jista' jkun kontroproduktiv fuq terminu aktar fit-tul.

Biex nikkonkludi, l-UE trid tinvesti flusha aħjar. Trid taġixxi biex tiżgura li:

- l-investimenti jikkorrispondu aktar mill-qrib għall-prijoritajiet tal-Unjoni;
- jitfasslu regoli aktar sempliċi biex jinkisbu r-riżultati; u
- ir-riżorsi jiġu mmaniġġjati b'mod aktar effiċjenti.

Meta jitqiesu flimkien, dawn tabilħaqq ikunu jirrappreżentaw approċċ kompletament ġdid.

Sinjura President, onorevoli Membri,

Iċ-ċittadini tal-UE u r-rappreżentanti tagħhom għandhom id-dritt li jkunu jafu kemm l-UE qed tinvesti flushom tajjeb.

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tinsab heqana li tassisti lill-PE billi tawditja l-fondi investiti, twissi fejn ikunu f'riskju u tagħti parir dwar kif il-prestazzjoni tagħhom tista' ssir aħjar.

Grazzi.